# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O NOEL V. ARRIGO LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2002**

**Numru**

**Cit. Nru. 147/88**

**Guido J. Vella**

**Vs**

**Dottor Emanuel Cefai**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Din li ser tinghata hija sentenza preliminarja dwar l-ewwel eccezzjoni li giet issollevata mir-ritrattat perit arkitett Guido J. Vella in risposta ghar-rikors ta' ritrattazzjoni li gie pprezentat mir-ritrattant nutar Emanuel Cefai.

Dina l-eccezzjoni hija s-segwenti:

"Illi fl-ewwel lok, ir-rikors ghar-ritrattazzjoni tan-nutar Cefai huwa wiehed proceduralment irritu u null, ghax qablu (ir-ritrattand) ghamel rikors iehor ghar-ritrattazzjoni fuq l-istess premessi ta' dak istanti u cedieh minghajr ma hallas l-ispejjez ta' l-ewwel rikors lill-kontroparti; a tenur ta' l-artikolu 907 (2) tal-Kap. 12."

2. Illi mill-atti processwali jirrizulta li fit-18 ta' Ottubru 2001 l-istess ritrattand odjern igifieri n-nutar Cefai,: pprezenta rikors kontenenti talba ta' ritrattazzjoni mill-kapi kollha tas-sentenza li kienet inghatat bejn l-istess partijiet mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001, minghajr pero' ma talab ukoll illi qabel xejn tigi mhassra dik l-istess sentenza. In segwitu, igifieri fis-seduta quddiem din il-Qorti in data tat-28 ta' Dicembru 2001, dik il-kawza kif hemm dedotta giet formalment ceduta permezz ta' nota pprezentata mir-ritrattand.

3. Fl-10 ta' Dicembru 2001 imbaghad l-imsemmi ritrattand rega' rripropona rikors iehor kontra l-istess kontroparti ritrattata ghal fini ta' ritrattazzjoni u b'meritu identiku salv pero' li din id-darba r-ritrattand ippreceda t-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni b'talba ohra ghal fini tar-revoka u thassir tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001.

4. Fost l-eccezzjonijiet sollevati mir-ritrattat perit Vella, hemm dik ta' nullita' kif intqal fl-ewwel paragrafu <u>supra</u> li hija bbazata fuq l-artikolu 907 (2) tal-Kap 12.

<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>

5. Il-precitat artikolu 907 (2) tal-kap. 12 jistipula li gej,

"Il-parti li tirrinunzja ghall-atti ghandha thallas l-ispejjez tal-kawza u hija ma tistax tibda kawza ohra ghall-istess haga, qabel ma tkun fil-fatt hallset dawk l-ispejjez lill-parti l-ohra".

Ghal xi raguni li jafuha huma, il-kontendenti ppreferew li fl-ewwel lok jaffrontaw il-punt dwar xi tkun il-konsegwenza ta' rinunzja ghall-atti u riproponiment ta' kawza gdida minflokha qabel ma jkunu thallsu l-ispejjez ta' l-ewwel kawza lill-parti l-ohra, minkejja li r-ritrattand qieghed jinsisti li l-hlas gie effettwat lill-kontroparti ritrattata.

Tenut kont tas-suespost, hija l-fehma ta' din il-Qorti li proprjament jekk jissussisti stat ta' fatt dwar nuqqas ta' hlas mill-parti li rriponiet l-istess kawza lill-parti l-ohra, allura f'dak il-kaz aktar min-nullita', tkun il-kaz fejn din il-Qorti tghaddi mill-ewwel biex tillibera lill-parti konvenuta mill-ossevanza ta' dak il-gudizzju. Dan huwa hekk ukoll ghar-raguni li mhux

kull irritwalita' procedurali twassal necessarjament ghal dikjarazzjoni ta' nullita'. Ghandu anke jinghad li f'dawk il-kazi fejn dak li qeghda tissolleva l-parti ritrattata jkun jirrizulta li huwa fondat, il-Qorti taghna m'ghaddewx biex jiddikjaraw in-nullita' tal-procedura imma, minflok, ghaddew biex jilliberaw lill-parti li ma thallsitx l-ispejjez ta' l-ewwel kawza mill-ossevanza tal-gudizzju, u dan billi l-azzjoni kienet irritwali.

6. Punt iehor ta' natura legali li gie mqanqal mill-partijiet u li dwaru hemm nuqqas ta' qbil jirrigwarda n-natura tat-tieni kawza proposta mir-ritrattand. Fi kliem iehor, it-tieni procedura li giet intavolata mir-ritrattand hija tassew "ghall-istess haga" jew hija ghal xi haga differenti?

Huwa pacifiku li kemm fl-ewwel procedura li giet ceduta kif ukoll fit-tieni wahda, ir-ritrattand fit-tnejn talab ir-ritrattazzjoni tal-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001.

Tezisti pero' differenza ta' sostanza fit-tieni procedura in kwantu li fiha hemm mizjuda talba addizzjonali ghar-revoka tal-ewwel decizjoni (in rexxissorju). Certament ghalhekk lanqas ma jista' jinghad ghal kollox illi z-zewg proceduri "huma perfettament identici", kif gie sottomess mir-ritrattat. Anzi jirrizulta li t-talbiet huma differenti sal-punt li l-ewwel procedura kellha tigi ceduta ghax kienet monka u difettuza fil-forma,

filwaqt li t-tieni wahda – redatta allura differentement u bl-aggunta ta' talba addizzjonali – ma jidherx li hija affetta minn tali mankanza.

7. Illi fi kwalunkwe kaz jidher pero' li r-rizoluzzjoni vera tal-vertenza tinsab fid-determinazzjoni tal-punt rigwardanti l-hlas o meno a tenur ta' dak li hemm fl-artikolu 907 (2) tal-kap 12 surreferit. Jekk il-parti ritrattata thallset huwa evidenti li ma hemm ebda ostakolu jew diriment ghat-tkomplija tas-smiegh tal-kawza. Jekk invece l-parti ritrattata ma thallsitx, din il-Qorti ghandha, fil-kaz kongruwu , tghaddi billi tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi ghalkemm din is-soluzzjoni tidher wahda facli, fir-realta' hawn ukoll tezisti diffikolta; frott ukoll tal-intransigenza li nibtet bejn il-kontendenti fil-kors ta' dawn il-proceduri li donnhom huma bla fini. Dan qieghed ukoll jinghad il-ghaliex b'aktar buon sens jew sens ta' praticita', dan l-impasse kien jigi sormontat bla hafna xkiel u dewmien inutli.

Illi minn dak li setghet tikkostata din il-Qorti ghandu jirrizulta li gej:-

(i) li r-ritrattand, flimkien mal-prezentata tar-rikors ta' appell tieghu tal-kawza precedenti u li in segwitu giet ceduta kien iddepozita ammont fi flus biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-kawza.

(ii) li minkejja li dik il-kawza kienet giet ceduta, sal-lum, dan id-depositu baqa' ma giex zbankat.

(iii) Illi ex admissis – ara para 7 tan-nota sottomessa mir-ritrattat fil-15 ta' Marzu 2002 – ir-ritrattat nutar Emanuel Cefai ddikjara li l-avukat tieghu

"wara li giet ceduta l-ewwel kawza u intavolata dik odjerna, gibed l-attenzjoni ta' l-avukat ta' Cefai illi suppost hallas l-ispejjez ta' l-ewwel kawza, u dan wiegbu illi seta' jigbed il-flus impoggija bhala malleverija, u li huwa kien lest jiffirmalu ghal tali zbank" (sottolinear tal-Qorti).

(iv) Illi skond l-artikolu 815 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-ammont imqieghed in depozitu a tenur ta' l-artiklu 249 ta' l-istess Kap. 12 jservi bhala garanzija ghall-ispejjez ta' dik il-procedura, u fil-kaz taghna ghall-appell li eventwalment gie cedut.

(v) Illi skond l-artiklu 907 (2) biex kawza ohra ghall-istess haga ma tistax tibda qabel ma tkun fil-fatt (dik il-parti li tkun qeghda tirriproponiha) hallset dawk l-ispejjez dovuti lilu mill-kontroparti u l-istess kontro-parti minn naha taghha tidher propensa li taghmel dak kollu li hemm bzonn biex l-ispejjez jghaddu materjalment lill-parti kreditrici, dan it-trasferiment ghadu ma giex effettwati.

Wara li qieset dan kollu, din il-Qorti jidhrila li dak li qieghed izomm il-hlas ta' l-ispejjez huwa dovut biss ghall-fatt li z-zewg nahat qeghdin "jitfixklu" min minnhom ghandu jipprocedi ghall-izbank. Din il-Qorti mhix lesta li thalli parti jew ohra tinqeda bil-Kodici tal-Procedura biex jigi stultifikat kapriccozament il-process gudizzjarju. L-interess suprem tal-gustizzja kien jesigi li kull parti taghraf terfa' r-responsabbiltajiet taghha minghajr ma tirrikorri fi tfettieq bla bzonn li jservi biss biex jiddilunga l-process aktar milli hemm tassew bzonn.

Din il-Qorti, tenut kont tas-suespost, qeghda fl-ewwel lok tiddeciedi billi tirrespengi l-ewwel eccezzjoni sollevat mill-parti ritrattata; u fit-tieni lok tordna u tidderiegi lill-partijiet biex ad istanza u spejjez tar-ritrattand Nutar Cefai jigi pprezentat rikors kongunt bl-adezjoni taz-zewg nahat fir-Registru ta' din il-Qorti ghall-fini ta' l-izbank u hlas ta' l-ispejjez li gew hemm iddepozitati in garanzija ta' dan li llum huwa dovut lir-ritrattat in konnessjoni ma' l-ewwel procedura li giet ceduta; u, fl-ahharnett, hekk kif isir il-hlas dovut, il-partijiet ghandhom permezz ta' nota fir-Registru jinfurmaw minnufih lill-Qorti b'dan il-fatt biex l-appell "in corso" jigi trattat.

L-ispejjez jibqghu rizervati sal-gudizzju finali.

Dep/Reg

d/f